MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 158/2004/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Anthony Attard u fid-29 ta' Novembru 2004 giet kjamata fil-kawza Maria Carmela *sive* Marlene Attard**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Settembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li bih talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija tmienja u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm578.58), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu n-numri 21692963 u

21324554 liema servizzi gew installati fil-fond bin-numru ufficjali Flat 81, St.Paul's Court, Pioneer Corps Rd, Bugibba, skond diversi kontijiet mibghuta lilu;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas, izda baqa' inadempjenti;

Bl-ispejjes u l-imghax legali;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa fl-ewwel lok, u in linea preliminari, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur ta'l-Artikolu 2156(f) Tal-Kodici Civili,Kap.16, stante li numru kbir tal-kontijiet tat-telefon in kwistjoni jirrisalu ghal aktar minn hames snin ilu;

Illi, subordinatament, u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, jekk hemm xi dejn dovut lis-socjeta'attrici, dan irid jithallas ukoll minn mart il-konvenut u ghalhekk mart l-istess konvenut li jisimha Maria Carmela sive Marlene Attard li toqghod Flat 81, St.Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba, ghandha tigi citata fil-kawza;

Salv eccezzjonjiet ohra permissibbli fil-ligi;

B'digriet tad-29 ta' Novembru, 2004 giet kjamata fil-kawza Maria Carmela sive Marlene Attard u dan fuq talba tal-konvenut stess;

Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawza Maria Carmela sive Marlene Attard, li eccepiet fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) Tal-Kodici Civili, Kap.16, stante li numru kbir tal-kontijiet tat-telefon in kwistjoni jirrisalu ghal aktar minn hames snin ilu;

Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, jekk hemm xi dejn dan ghandu jithallas unikament minn Anthony Attard peress li kien hu jew terzi persuni minnu

awtorizzati li utilizzaw is-servizzi telefonici ghall-iskopijiet personali taghhom u dan b'mod abbuziv, kif gie konkluz mill-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fiz-zewg sentenzi li nghataw fit-tletin ta'Novembru, 2004 bl-ismijiet Marlene Attard vs Anthony Attard (Citaz.Nru. 3209/1996 u s-sentenza l-ohra fl-ismijiet inversi (Citaz.Nru. 3242/1996);

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri;

Illi b'digriet tat-12 ta' Jannar,2006 saret korrezzjoni fl-indirizz fejn kien hemm is-servizz telefoniku, u minflok gew indikati l-indirizzi Flat. 81 St.Paul's Court, Pioneer Rd, Bugibba, Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia u 13/A, Cathedral Str, Sliema;

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenut Anthony Attard ghall-avviz, kif korrett, fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok, permezz tal-korrezzjoni fl-Avviz originali li saret fuq talba tas-socjeta' attrici, jidher illi z-zewg numri tat-telefon li qed issir referenza ghalihom fl-Avviz jirreferu ghal tlett indirizzi separati, haga li hija assolutament impossibbli;

Illi, fit-tieni lok, ma hemm l-ebda kont tat-telefon pendenti fuq l-indirizzi li gew mizjuda permezz tal-korrezzjoni mitluba mis-socjeta' attrici, jew fuq in-numri tat-telefon msemmija fl-avviz u dan kif diga' gie ppruvat mill-eccipjent u kif ghad irid jigi ppruvat minnu waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghahekk l-ammont mitlub fl-avviz f'kull kaz mhux dovut;

Illi permezz ta' nota' ta' riduzzjoni l-ammont pretiz fl-avviz, gie ridott ghal tlett mija u tlieta u tlettin lira Maltin u tlett centezmi (Lm333.03);

Ra x-xhieda tal-konvenut Anthony Attard, tal-konvenuta Marlene Attard u ta' Dr.Ingrid Zammit Young, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema' t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

Mill-provi prodotti jista' jigi stabbilit li l-konvenuti kienu jipposjedu diversi postijiet b'diversi numri telefonici. Kien hemm post li jgib l-indirizz Marton,Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia u numru telefoniku 21692963 u din hija r-residenza tal-konvenut;

Kien hemm imbaghad post iehor f'Pioneer Road, Bugibba, li kellu n-numru telefoniku 21581985, liema post kien gie assenjat lill-konvenuta permezz ta' sentenza ta' separazzjoni Citaz Nru.3209/96 RCP fl-ismijiet Marlene Attard vs Anthony Attard deciza fit-30 ta' Novembru, 2004 u l-Kawza Citaz. Nru 3242/96 RCP fl-ismijiet Anthony Attard Marlene vs Carmela sive Marlene Attard deciza fit-30 ta' Novembru, 2004;

Post iehor Verdala Court, Flat D, St.George's Park, St.Julians, li kellu n-numru telefoniku 21317835;

Fl-ahharnett jirrizulta li kien hemm fond iehor f'Cathedral Street, Sliema li kellu n-numru telefoniku 21324554 u fuq liema fond m'hemmx ftehim mill-partijiet lil minn jappartjeni jekk hux tal-konvenut Anthony Attard jew tal-habiba tieghu. Attard jammetti li l-post ma kienx tieghu u li kien ghamel il-verifiki fuq dan il-kont, u rrizulta li ma kienx hemm xi kontijiet pendenti fuqu;

Il-fatt huwa li s-socjeta' attrici spjegat kif kienet wasslet ghal dan l-bilanc ta' tlett mija, tlieta u tlettin lira Maltin u tlett centezmi (Lm333.03), wara li kkunsidrat li kien hemm mitejn hamsa u erbghin lira Maltin, hamsa u hamsin centezmu (Lm245.55)

bhala arretrati fuq in-numru 21581985 (i.e.post ta' San Pawl),li kellhom jitnaqqsu minhabba li kien hemm sentenza ohra fuq dan l-ammont Avviz. Nru 502/99 (deciza 10 ta' Settembru, 1999);

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi ezaminat minn liema kontijiet jirrizulta dan il-bilanc u sa' minn meta, in vista li hemm l-eccezzjoni preliminari taht l-Artikolu 2156 (F) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Huwa hawnhekk li l-konvenut Anthony Attard u s-socjeta' attrici qed jaqblu. Jidher li s-socjeta' attrici amalgamat il-kontijiet pendenti f'kont wiehed u taht numru wiehed. Meta l-istess konvenut mar sabiex jivverifika dak li kien intalab mis-socjeta' attrici rrizulta li ma kienx hemm arretrati fuq il-kont ta' San Pawl il-Bahar u lanqas fuq ir-residenza Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, hlief ghal lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1.21);

Kien hemm biss arretrati fuq in-numru 21317835 (ie post ta' San Giljan), fl-ammont ta' mitejn sitta u ghoxrin lira Maltin, sebgha u erbghin centezmu (Lm226.47), li gew trasferiti fuq il-kont li jghajjat in-numru 21324554.

Fuq dan l-istess kont gew trasferiti ukoll il-kont tal-post ta' Bugibba, li finalment waslu ghan-nota ta' riduzzjoni fit-talba tas-socjeta' attrici. Ghalhekk dak li effettivament qed jintalab huwa l-ammont ta' tlett mija tlieta u tlettin lira Maltin u tlett centezmi (Lm333.03), indikat bhala bilanc fuq in-numru 21317835;

Il-konvenut jispjega li ghalih dak li qed jigi pretiz jirreferi ghall-kontijiet li jmorru lura qabel is-sena 2000 u li l-bilanc sa' mill-14 ta' Marzu, 2001 kien ta' xejn;

Madanakollu, mill-provi, t-Tribunal josserva li hemm miskalkolazzjoni da parti tal-konvenut fis-sens li jekk hemm bilanc ta' tlett mija u tlieta u

tletin Lira Maltin u tlett centezmi (Lm333.03) u l-bilanc ta' mitejn sitta u ghoxrin lira Maltin, sebgha u erbghin centezmu (Lm226.47) li gew trasferiti fil-kont li jgib in-numru 21317835, qatt ma seta' kien "0" billi id-differenza tigi ta' mija u seba Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm 107.56);

Fuq l-eccezzjoni preliminari, m'hemmx dubju li hija l-preskrizzjoni kwinkwennali li ghandha tapplika, izda wara li t-Tribunal qies il-provi, jikkonkludi li l-azzjoni mhix wahda preskritta ghaliex il-kontijiet imorru lura ghal sena 2001 u dan meta kienu saru t-trasferimenti (vide Dokument C anness mal-Avviz),fejn hemm indikat il-perjodu mit-8 ta Awissu, 2001 sal-1 ta' April, 2002). Il-kawza nfethet fit-22 ta' Jannar, 2004 u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi;

Jibqa' biex jigi kkunsidrat li s-socjeta' attrici qed titlob l-ammont ghal-kontijiet li jghajjtu tlett indirizzi u zewgt numri telefonici, li effettivament huwa mpossibbli. Is-socjeta' tat spjegazzjoni ta' kif waslet ghal bilanc pretiz, pero' bir-rispett kollu, qed tippretendi hlas fuq in-numri 21692963, li fuq l-istess debitu diga' kien hemm sentenza, kif ukoll fuq in-numru 21324554, meta fuq l-istess kont kien hemm biss bilanc ta' mija u sebgha liri Maltin u sitta u hamsin centezimu (Lm107.56);

It-Tribunal qed jaghmel din l-osservazzjoni ghas-semplici fatt li s-socjeta' attrici m'ghamlitx talba in kwantu jirrigwarda l-arretrati fuq il-kont li jgib in-numru 21 317835, kif lanqas ma jsir xi accenn ghal dan il-kont fl-Avviz. Jirrizulta biss mill-provi li kien hemm trasferimenti minn dan il-kont ghal kont 21324554, msemmi fl-Avviz. M'huwiex gust ghat-Tribunal li jihu in konsiderazzjoni debitu li lanqas ma gie reklamat fl-Avviz. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument huwa minnu l-mod kif gew kkalkolati l-arretrati mis-socjeta' attrici, din allura kienet ben konxja taghhom u ta' l-anqas messha ghamlet referenza ghalihom fl-Avviz, izda minflok ghazlet

ma semmihomx, bil-konsegwenzi li jgib mieghu dan il-fatt, u cioe', li mit-tlett mija u tlieta u tletin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm333.03) reklamati iridu jitnaqqsu mitejn u sitta u ghoxrin Lira Maltija u seba u erbghin centezmu (Lm 226.47) relattivi ghal fond ta' San Giljan;

It-Tribunal ihoss ukoll lil-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati aktar u aktar meta talbet korrezzjoni fl-Avviz fejn indikat li n-numri telefonici jghajjtu tlett indirizzi,f'Sta.Lucia, f'San Pawl il-Bahar u f' Tas-Sliema, meta jidher b'mod car li l-arretrati pendenti jirrizultaw fuq kont ta' San Giljan, li allegatament ma jappartjenix lill-konvenut;

Ghaldaqstant, dak li jirrizulta dovut lis-socjeta' attrici hu biss l-ammont ta' mija u seba Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm107.56) li jghajjat lil-fond f'tas-Sliema u li ghadu jappartjeni lil-konvenut u martu il-kjamata fil-kawza bejniethom;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' mija u seba liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm107.56) uq in-numru 21 324554 filwaqt li jichadha ghal kumplament.

L-ispejjes jinqassmu bejn il-partijiet skond ir-rebh u t-telf u jkun dovut l-imghax mid-data tat-8 ta' Awissu, 2001."

Appellat minn din is-sentenza l-kjamata in kawza Maria Carmela *sive* Marlene Attard biex tikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal fejn dan ikkundannaha, flimkien mal-konvenut, biex taghmel tajjeb ghall-hlas tas-somma likwidata f'servizzi tat-*telephone* Numru 21324554;

Bi preliminari jokkorri li jigi sottolinejat illi fit-termini ta' l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380), it-Tribunal krejat b'dan l-Att ghandu jaqta' kull talba jew

kontro-talba quddiemu principalment skond l-ekwita. Din il-Qorti gja kellha bosta okkazjonijiet tesprimi ruhha fuq dan il-kuncett f'diversi decizjonijiet taghha. *Inter alia*, li dan "jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhux miktuba, tikkonsenti, b'riferiment ghall-kaz konkret, ghal soluzzjoni tal-kontroversja, b'mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti" ("**Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg**", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju, 2006). Gja, imbaghad, qabel din, il-Qorti kienet esprimiet il-fehma illi l-valutazzjoni ekwitattiva timplika l-adozzjoni tal-mudell konswet tal-*bonus paterfamilias* fil-kunsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u l-analizzar taghhom skond il-kriterju tad-diligenza komuni. Ara "**Edwin Vella -vs- Joanna Briffa**", 7 ta' Mejju, 2004;

L-appellanti, anke jekk dan ma tghidux espressament, tikkwerela l-gudizzju tat-Tribunal fis-sens illi, bil-kontra ta' dak li jippresupponi d-dritt ekwitattiv, it-Tribunal f'dan il-kaz ma rrispettax il-principji informaturi u regolaturi tal-materja li kellu quddiemu, u dan wasslu ghal soluzzjoni tal-kontroversja li ma ssibx rapport mal-karatteristici partikulari tal-fattispeci. Essenzjalment, l-appellanti tissuggerixxi illi, in bazi ghall-provi in atti, ma jezisti ebda ness logiku bejn il-parti razzjonali u dik decizorja tas-sentenza. Anzi, li l-istess legam hu wiehed kontradittorju u non-konsegwenzjali. Dan hi tissottomettieh b'referenza ghal dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal l-ewwel jghid li ma kien jezisti ebda ftehim mill-partijiet dwar lil min kien jappartjeni l-fond ta' tas-Sliema fejn kien installat is-servizz tat-*telephone* u, immedjatament wara, jafferma li dak l-istess fond jappartjeni bejniethom lill-konvenut u martu kjamata fil-kawza;

Dan premess, mill-fatti oggettivi kif jirrizultaw mill-atti istruttorji ghandu jirrizulta li:-

(1) is-*subscriber* tat-*telephone* numru 21324554, installat fil-fond ta' tas-Sliema, kien il-konvenut. Ara dokumenti a fol. 3 u fol. 129 *et sequitur*;

(2) li f'dak il-fond kienet tirrisjedi l-habiba tal-konvenut. Ara deposizzjoni ta' l-appellanti a fol. 119;

(3) li skond is-sentenza tas-separazzjoni personali bejn il-konvenut u l-appellanti (ara kopja a fol. 43), kien il-konvenut li applika ghal linja tat-*telephone* f'dak il-fond fejn kienet tabita Antonia Resta;

(4) li dejjem skond dik is-sentenza l-istess fond qatt ma fforma parti mill-assi konjugali bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza;

(5) li l-istess konjugi kienu ilhom mifrudin mill-anqas mill-1996, sena li fiha gew istitwiti l-proceduri ta' separazzjoni;

Mill-apprezzament ta' dawn il-ftit fatti ghandu jkun bil-wisq ovvju illi filwaqt li s-socjeta` attrici appellata rnexxielha tipprova li kienet tezisti relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-konvenut, l-istess socjeta` ma rnexxielhiex imbaghad, minn xi prova konklusiva, tikkonnetti lill-appellanti mas-servizz telefoniku installat fil-fond ta' tas-Sliema. It-Tribunal lanqas seta' wkoll jinjora r-rizultanzi tal-proceduri tas-separazzjoni, anke ghaliex minnhom kien jemergi kjarament illi dak l-istess servizz u l-hlas debitu ta' l-uzu tieghu ma kienx jaqa' bhal piz fil-komunjoni ta' l-akkwisti, anke ghaliex la din l-istess komunjoni u lanqas l-appellanti personalment ma kellhom ebda kollegament la mal-fond u lanqas mas-servizz li tieghu gie mitlub il-pagament;

Il-konsegwenza ghandha tkun li s-sentenza appellata *di fronte* ghal kjamata fil-kawza ghandha titqies li tiddifetta minn dak il-procediment logiku-valutattiv li hu ghab-bazi tar-regola ekwitattiva. Huwa l-kaz ghalhekk li din il-Qorti tilqa' l-gravam ta' l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha sottomess mill-kjamata fil-kawza u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata. Mill-kumplament, u in kwantu diretta kontra l-konvenut, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------